# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Marzu,2002**

**Numru 7**

**Avviz. numru 60/01mm**

**Anton Borg Olivier**

**vs**

**Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fil-25 ta' Jannar 2001 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas s-somma ta' disa mija tmienja u tmenin lira Maltin (Lm988), oltre l-imghaxijiet bhala danni li sofra l-attur fuq il-vettura tieghu tal-marka FIAT BRAVA, numru ta' registrazzjoni ABO 777 kagunati waqt incident awtomobilistiku li sehh fl-20 ta' Jannar 1999 ghall-habta ta' 6:00p.m. meta fil-grounds ta' l-Iskola Paolino Vassallo (Upper Lyceum), Corradino Hill, Paola, l-vettura ta' l-attur waqghet go gandott imhaffer u ma kellux l-ebda dawl u jew sinjali ohra adegwati biex jindikaw ix-xogholijiet u thaffir

perikoluz u li b’konsegwenza gara l-incident imsemmi, kif indikat fir-rapport tal-Pulizija.

Ghal kull buon fini l-attur jiddikjara li d-danni ma jeccedux l-elf lira Maltin.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta’ l-Edukazzjoni fejn eccepixxa:-

1. Illi huwa gie mharrek inutilment stante li m’hemm ebda ness guridiku bejnu u bejn l-attur u dan skond il-provvediment ta’ l-artikolu 181 B ta-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili. Isegwi li ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost huwa bl-ebda mod ma jahti ghal xi danni li sofriet il-karozza ta’ l-attur stante illi (a) fejn dahal l-attur bil-karozza tieghu huwa post b’access ristrett u mhix triq pubblika u ghalhekk min jidhol bil-karozza jkun qed jaghmel dan bir-responsabbilta’ u bir-riskju tieghu; (b) ix-xogholijiet ma kienux qeghdin isiru minnu izda minn haddiehor.

3. Illi fuq kollox kien hemm tabella li turi li kienu qeghdin isiru x-xogholijiet fil-post.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni mqajjma mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni. Dan ta' l-ahhar ecepixxa illi kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi ma hemm l-ebda ness guridiku bejnu u bejn l-attur u ghamel referenza ghall-artikolu 181 B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Dan l-artikolu jghid: *"l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni".*

Irrizulta mill-provi illi fl-20 ta' Jannar 1999 ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija (6:00p.m.) l-gharusa ta' l-attur kienet qieghda ssuq il-karozza ta' l-attur fil-grounds ta' l-iskola Paolino Vassallo, meta f'daqqa wahda baqghet niezla go gandott. Qed jigi allegat illi ma kien hemm l-ebda sinjal biex jindika illi kien hemm dan il-gandott. Fi kwalunkwe kaz, jidher illi saret xi korrispondenza bejn l-attur u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni dwar dan l-incident. Saret ukoll ittra ufficjali u fil-mori ta' din il-kawza giet mibghuta ittra lill-Avukat Generali mid-

Direttur tal-Finanzi u Amministrazzjoni sabiex il-partijiet jippruvaw jaslu ghal soluzzjoni gusta ta' dan l-incident. L-attur dejjem ikkomunika mas-Segretarju Permanenti u anke din il-kawza giet intavolata kontra tieghu.

Minghajr pregudizzju ghal meritu u ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, il-Qorti jidhrilha illi dan ta' l-ahhar ghandu ragun meta invoka favur tieghu l-artikolu 181 (B) fuq imsemmi. Dan l-artikolu huwa car u ma jhalli l-ebda lok ta' dubbju. Il-Kap tad-Dipartiment ghandu jirrapprezenta lill-Gvern fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji kollha. Il-kap tad-dipartiment ta' l-Edukazzjoni mhuwiex is-Segretarju Permanenti, izda d-Direttur u fil-kors ta' din il-kawza nghata nformazzjoni min kien id-Direttur. Fi kwalunkwe kaz, ghal fini ta' din l-eccezzjoni, din l-informazzjoni issa hija rrilevanti peress illi l-kawza giet intavolata kontra s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni. Kif gia nghad, din il-persuna m'ghandhiex ir-rapprezentanza guridika tad-Dipartiment u peress illi dan l-incident gara fil-grounds ta' skola, fejn allura l-gurisdizzjoni taqa' nettament fuq il-kap tad-dipartiment, huwa dan ta' l-ahhar illi kellu jigi mharrek sabiex jirrispondi ghat-talba ta' l-attur u mhux is-Segretarju Permanenti. Dan ta' l-ahhar qieghed hemmhekk biss ghal supervizjoni fuq id-dipartiment u l-amministrazzjoni tieghu u jara illi kollox imur skond il-policy li jkun adotta d-direttur.

Apparti d-diskussjonijiet illi setgha saru bejn is-Segretarju Permanenti u l-attur, ma jfissirx illi dan ta' l-ewwel ghandu r-rapprezentanza tad-dipartiment. Kwalunkwe diskussjoni setgha saret jew ma sarx minghajr pregudizzju, pero' legalment ma

tbiddilx il-posizzjoni tad-dipartiment illi huwa rapprezentat biss mid-Direttur. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Segretarju Permanenti ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni. Tiddikjara li ma hemm l-ebda ness guridiku bejnu u bejn l-attur u konsegwentement tordna illi jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Bl-ispejjez kontra l-attur.

Anthony Zammit
Dep Reg